**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 17 ta' Jannar 2001**

**Numru** 9
**Citaz. Nru.** 386/92 FD

**Victoria Zerafa f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri Gbriella u Joseph ahwa Zerafa.**
**vs**
**Alexander Zerafa**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-kontendenti ilhom disa' snin mizzewgin u ghandhom zewgt itfal, Gabriella u Joseph ahwa Zerafa, it-tnejn minuri;

Premess illi l-imsemmi Alexander Zerafa irrenda ruhu hati fil-konfront ta’ martu l-attrici ta’ eccessi, mohqrija, theddid, sevizzji u ingurji gravi, b’rizultat li l-konvivenza bejn il-kontendenti m’ghadhiex aktar possibbli;

Premess illi l-konvenut m’huwiex f’posizzjoni li jiehu kura ta’ uliedu u f’kull kaz huwa fl-interess ta’ l-imsemmija minuri li jkunu ma’ l-omm;

Premess illi l-konvenut ghandu obbligu li jmantni kemm lil martu kif ukoll lil uliedu;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut;

2. tassenja lill-attrici l-kura u kustodja ta' l-imsemmijin minuri Gabriella u Joseph ahwa Zerafa;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas retta alimentari lill-attrici ghaliha u ghal uliedha minuri Gabriella u Joseph, li tigi stabbilita minn din il-Qorti b'dawk il-modalitajiet li jigu wkoll stabbiliti;

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwiti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess

komunjoni, taqsamaha f'zewg porzjonijiet ugwali u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u okkorrendo ta' nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezena l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

5. Tikunndanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha dotali inkluzi flus, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominandi;

6. Tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli tmienja u erbghin (48), hamsin (50) u wiehed u hamsin (51) tal-Kodici Civili u senjatament li tigi moghtija lill-attrici l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Preliminarjament, ic-citazzjoni hija nulla ghaliex l-attrici ma gietx nominata bhala kuratrici ad litemta' uliedha minuri;

2. Fil-meritu, u bla pregudizzju ghall-ewwl eccezzjoni, it-talba ghas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghandha tigi akkrdata mhux ghar-ragunijiet manifestament infondati li l-attrici qed tallega li huma imputabbli lill-eccipjent izda ghandha tigi akkordata biss minhabba l-adulterju, eccessi, mohqrija, theddid, sevizzji u ingurji gravi fil-konfront ta' l-eccipjent u fil-konfront ta' l-ulied minuri;

3. It-tieni talba attrici ghandha tigi respinta stante li mhux fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi assenjata lill-attrici;

4. It-tielet u r-raba' talbiet ghandhom ikunu michuda stante li bhala rizultat tal-htijiet taghha, specjalment l-adulterju taghha, l-attrici ddekadiet mid-dritt ghall-alimenti ghaliha kif ukoll minn sehemha tal-komunjoni ta' l-akkwisti stante li l-patrimonju ta' l-istess komunjoni akkumula esklussivament bil-hadma ta' l-eccipjent u ghalhekk dak li jifforma tai komunjoni ta' l-akkwisti jappartjeni biss lill-eccipjent;

5. Illi konsegwentement ma hemm ebda utilita` ghal dak li l-attrici qed tipproponi fir-raba' talba stante li dak kollu li jifforma l-komunjoni ta' l-akkwisti ghandu jghaddi in piena proprjeta` ghand l-eccipjent bla htiega ta' qasma jew assenjazzjoni;

6. Fir-rigward tal-hames talba, l-attrici trid qabel xejn iggib il-prova tal-konsistenza ta' l-assi dotali taghha u, jekk ikun il-kaz, tindika liema minnhom jinsabu fil-pussess ta' l-eccipjent;

7. Ghar-ragunijiet premessi, l-eccipjent ma ghandu jbati ebda penalitajiet;

U ghamel riserva ghall-eccezjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut, l-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-Digriet taghha ta' l-24 ta' Settembru 1992, illi permezz tieghu gie nominat Dr. Anthony Abela Medici bhala espert gudizzjarju biex jezamina id-dokument esebit mill-konvenut u li huwa jallega li kien miktub mill-attrici;

Rat ir-rapport ta' l-istess imsemmi espert kalligrafu li jinsab a fol 105 *et seq* tal-process u li gie minnu debitament konfermat fl-Udjenza tad-9 ta' Novembru 1994;

Rat id-Digriet taghha tad-19 ta' Mejju 1993 li permezz tieghu giet nominata l-Avukat Dr. Yana Micallef Stafrace bhala espert legali biex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-Relazzjoni ta' l-istess espert legali li tinsab a fol 460 *et seq* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-Udjenza tat-12 ta' Lulju 2000; fl-istess Udjenza l-espert legali giet awtorizzata tisma' lill-ulied il-kontendenti fl-assenza tal-genituri kontendenti u dan fl-ufficcju taghha; dan sar peress li d-difensuri indikaw li kienu ser jeskutu lill-istess espert legali wara r-rapport taghha;

Rat in-noti ipprezentati mill-abbli difensuri wara li gie intavolat ir-rapport imsemmi;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, kif ukoll lill-kontendenti;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi bejn il-kontendenti, barra din il-kawza, hemm kawza ohra fl-ismijiet inversi bin-numru 621/92 u dina qeghda wkoll tigi deciza llum, u l-kontendenti skond il-Verbal ta' l-Udjenza tas-26 ta' Lulju 1992 qablu li l-provi li jingabru f'kawza wahda ikun applikabbli u jaghmlu stat ukoll ghal kawza l-ohra; illi l-kawza odjerna ipprecediet il-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi u ghalhekk l-Qorti sejra tiddeciedi l-ewwel din il-kawza fid-dawl tal-provi u tad-dokumenti imsemmija fiz-zewg kawzi u din is-Sentenza ghandha tkun il-bazi u taghmel ukoll parti mid-decizjoni li sejra tinghata illum stess fl-imsemmija kawza l-ohra fl-ismijiet inversi;

Illi fil-parti inizjali ta' dawn il-proceduri, il-konvenut esebixxa ittra li hu allega li martu kienet kitbet lil certu Dennis Tarachand li l-konvenut jallega li kkummetta adulterju ma' l-attrici; skond Verbal tas-16 ta' Settembru 1992 "*l-attrici tichad li dina l-ittra mhix iffirmata inkitbet minnha*", u talbet li l-Qorti tinnomina perit kalligrafu biex din l-akkuza tigi accertata; dwar dan id-dokument xehdet l-attrici, u jrid jigi rilevat li l-Qorti hasset li kellha "*twissini bil-konsegwenzi ta' din id-dikjarazzjoni relattivament ghal din l-ittra*"; u l-Qorti ssuggeritilha biex tahsiba sew qabel taghti din ix-xhieda taghha; l-attrici b'dana kollu xorta xehdet bil-gurament "*niddikjara li m'ghandix ghalfejn nitlob aktar zmien biex nivverifikaha ghaliex jiena certa li dik l-ittra ma ktibtix jien*";

Illi l-attrici kienet taf sew dwar l-importanza ta' din l-ittra tant li qudddiem il-Qorti xehdet li anki s-Social Worker Laura Agius, nominata mis-Sekond' Awla, "*semmietli li kien hemm ittra li kienet qeghda il-Qorti u qaltli li dik diga` kien hemm ragunijiet bizzejjed biex it-tfal imorru ghandu*"; il-Qorti ghalhekk ibbazat hafna fuq dan id-dokument li jwaddab dawl qawwi fuq il-kredibilita` tal-partijiet; dina wahda minn dawk il-kawzi fejn parti tghid haga mentri l-parti l-ohra tghid kompletament haga ohra; konsegwentement il-kwistjoni tal-kredibilita` tiehu aspett ferm importanti jekk mhux determinanti;

Illi permezz ta' din ic-citazzjoni l-attrici talbet li l-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut zewgha, u li tigi affidata bil-kura u kustodja taz-zewg ulied minuri Gabriella u Joseph; talbet ukoll li tigi akkordata manteniment ghaliha u ghall-ulied, kif ukoll ix-xoljiment u d-divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, ir-ritorn ta' l-oggetti taghha u l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet indikati fic-citazzjoni;

Illi minn naha tieghu l-konvenut eccepixxa in-nullita` tac-citazzjoni peress li l-attrici ma kienetx giet nominata kuratrici tal-minuri u li s-separazzjoni kellha tigi akkordata minhabba htijiet ta' l-istess attrici, liema htijiet kienu jinkludu l-adulterju;

Illi tul l-hames snin li damet il-perizja inzammu madwar 30 seduta imma fihom ma sar xejn hlief il-kontro-ezamijiet taz-zewg partijiet; dan il-fatt isahhah dak li intqal hawn fuq dwar l-importanza tal-kredibilita`, ghaliex ftit kienu l-provi jew id-dokumenti li setghu jservu ta' xi sostenn ghal xi parti jew ohra;

Illi l-konvenut ipprezenta 12-il affidavit ta' niesu u ta' hbieb tieghu u fihom saru bosta allegazzjonijiet serji dwar l-attrici, senjatament dwar ir-relazzjoni taghha ma' certu Dennis Tarachand imsemmi hawn fuq; huwa tassew sinifikattiv kif l-attrici ma sejhietx lil dawn in-nies biex jigu kontro-ezaminati bl-isperanza li timmina jekk mhux twaqqa ghal kollox dawn l-allegazzjonijiet serji li huma ghamlu kontra taghha;

Illi harsa lejn il-Verbal ta' l-Udjenza tat-30 ta' Ottubru 1996 jindika li l-attrici kellha tressaq diversi xhieda, pero` hlief ghall-opportun kontro-ezami tal-konvenut ma jirrizulta li resqet lil hadd;

Illi l-akbar nuqqas li l-attrici tikkontendi li bih zewgha kien hati, jirreferi ghal films pornografici li l-konvenut kien jara fid-dar matrimonjali anke flimkien ma' shabu; hija xehdet dwar dan l-allegat nuqqas bosta drabi izda kien il-konvenut stess li ressaq bhala xhud lir-ragel li kien fil-fatt mar jara dawn il-films fid-dar matrimonjali mal-konvenut; l-attrici allegat ukoll li f'okkazzjoni minnhom dan l-istess ragel kien

ukoll ipprova jittantaha. Fix-xhieda li dana x-xhud Spiteri ta, huwa pinga verzjoni ferm differenti minn dik li kienet tat l-attrici, hu jghid li l-attrici ma wriet l-ebda oggezzjoni ghal dan il-fatt oltre li cahad kategorikament illi hu b'xi mod immolesta jew ittanta lill-attrici; b'dana kollu l-attrici anqas resqet lil dan ix-xhud biex jigi kontro-ezaminat halli l-istqarrija tieghu tigi kkontrollata; ghalhekk il-Qorti jkollha taghti l-piz taghha lix-xhieda ta' dana Spiteri;

Illi ghalhekk jidher li l-attrici bbazat il-provi dwar l-allegazzjoni taghha principalment jekk mhux proprju esklusivament fuq ix-xhieda taghha biss; mill-ezami ta' din ix-xhieda, u anki fejn saret referenza ghal dokumenti, il-Qorti hi tal-fehma li l-attrici bl-ebda mod irnexxielha tipprova t-talba taghha ghad-dikjarazzjoni ta' separazzjoni minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut;

Illi jidher li l-hajja konjugali bejn il-kontendenti kienet sejra tassew tajjeb ghal diversi snin u dan sakemm dahal bejniethom l-imsemmi Tarachand li minnu jidher li l-attrici innamrat b'mod apert u lampanti; fil-perjodu inizjali huma kellhom zewgt itfal u anki kellhom dar adegwata fejn joqghodu bil-facilitajiet kollha (anke skond ma jidher mill-elenku ta' l-oggetti kontestati bejn il-kontendenti) u ma jidhirx li kellhom ebda diffikulta finanzjarja;

Illi d-dahla ta' Tarachand fil-hajja taghhom gerfxet l-ekwilibriu kollu u l-Qorti taghti hafna

importanza lix-xhieda li ressaq il-konvenut li spjegaw kif anki l-genituri ta' l-attrici stess malajr intebhu bil-perikolu u wrew id-disapprovazzjoni taghhom bla riserva; ghal dawn l-istqarrijiet, l-attrici ma kellha ebda risposta;

Illi l-Qorti kellha okkazzjoni tisma' fit-tul kemm liz-zewg kontendenti kif ukoll lill-imsemmi Dennis Tarachand, li ma wera' ruhu xejn veritier ghalkemm huwa persuna li kienet taf taghti x-xhieda li tixtieq twassal. Hadd mix-xhieda jew mill-familjari ma kienu japprovaw il-vicinanza tieghu (jidher li anki lit-tfal dejjaq) imma hu pprova jaghti stampa ta' wiehed li kwazi kien qed jaghmlilhom pjacir talli kien jiekol u jorqod maghhom id-dar; sahansitra stqarr li kellu il-kamra tieghu fid-dar matrimonajali tal-kontendenti;

Illi l-Qorti mhux ser toqghod tidhol fl-ezami tac-cirkostanzi meta l-konvenut xehed li martu kienet vjolenti mieghu u anki hadet xi sustanzi valenuzi, imma certament il-konvenut ha pacenzja, forsi anki zejda, b'ragel iehor go daru u oggezzjona meta ntebah li dan Tarachand kien qed ikun vicin ta' uliedu aktar minnu stess;

Illi oltre n-nuqqas ta' kredibilita` ta' dan ir-ragel, il-verzjoni attrici tikkrolla ghal kollox meta wiehed jezamina c-cirkostanzi ta' l-ittra mhix iffirmata li sab il-konvenut. In-nuqqas ta' kredibilita` taghha hareg bl-iktar mod sfaccat quddiem il-Qorti li ppruvat tissuggerilha tahsibha sewwa qabel ma tibda tixhed dwar dak id-dokument

bil-gurament taghha; dan l-episodju gja imsemmi aktar 'il fuq, certament wera kif l-attrici hija persuna li ma tiddejjaq xejn li tghid kelma b'ohra anki bil-gurament quddiem il-Qorti li kellha tiddeciedi l-istess kawza taghha;

Illi dan l-attegjament u n-nuqqas ta' l-attrici gie konfermat anke fil-fazi finali tal-kawza; f'Jannar tas-sena 2000 il-konvenut talab li l-Qorti tvarja d-digriet tal-manteniment b'mod li hu ma jibqax ihallasha hamsin lira (Lm50) fix-xahar kif kien ordnat fid-digriet vigenti; oltre l-attivita` taghha bhala hairdresser, semma li f'Awissu 1994 kienet bieghet art l-Imsida li kienet akkwistatha f'isimha ftit qabel izzewget bi flus li hargilha l-istess konvenut; ghal dan ir-rikors l-attrici wiegbet testwalment "*mhux minnu li l-esponenti (l-attrici odjerna) bieghet xi proprjeta`. Il-post li issemmi inxtara minn missierha meta kienet lanqas biss taf lill-attur u cioe` meta kellha sbatax-il sena*";

Illi in segwitu fl-istess proceduri ta' l-imsemmi rikors, il-konvenut esebixxa kuntratt li juri li fl-24 ta' Ottubru 1982 (jigifieri inqas minn sena qabel izzewgu) hija kienet xtrat il-proprjeta` li l-konvenut kien semma fir-rikors, u dan bil-prezz ta' Lm1600; inoltre fl-istess data ta' meta sar dan il-kuntratt ta' akkwist da parti ta' l-attrici, il-konvenut esebixxa skrittura fejn quddiem l-istess nutar li ppubblika l-kuntratt, huwa kien silef lill-attrici s-somma ta' Lm800. Dan in-nuqqas ta' verita` ma jistax ma jimmilitax

kontra l-accettazzjoni tat-tezi attrici bbazata fuq dikjarazzjonijiet taghha stess;

Illi ghalhekk mill-ezami akkurat tal-fatti quddiemha, il-Qorti ser tichad it-talba attrici dwar responsabbilta` tat-tkissir taz-zwieg u tiddikjara li dan gara unikament tort ta' l-attrici li kienet ukoll ikkomettiet adulterju;

Illi l-parti inizjali ta' din il-kawza kienet iddominata minn sensiela ta' rikorsi biex l-attrici taqleb digriet tas-Sekond' Awla li kien inghata wara rapport imhejji minn social worker. Permezz ta' dan id-digriet tas-Sekond' Awla il-kura u l-kustodja taz-zewg ulied tal-kontendenti giet akkordata temporanjament lill-konvenut; jigi wkoll rilevat illi wara li giet pprezentata r-relazzjoni ta' l-espert kalligragu imsemmi aktar 'il fuq, dawn ir-rikorsi naqsu hafna;

Illi l-Qorti kellha bosta okkazzjonijiet fejn dahlet fil-fond dwar din il-kwistjoni relattiva ghal kura u kustodja u anki ghall-access tal-minuri; filwaqt li tikkonferma id-deliberazzjonijiet taghha precedenti, tosserva li l-ulied illum ghandhom mas-sittax-il sena u fl-interess taghhom ghandhom ikomplu il-*modus vivendi* illum vigenti; dan qed jinghad anki wara li fl-ahhar Udjenza il-Qorti semghet lill-imsemmija espert legali li kienet ghadha kif semghet, minghajr il-presenza tal-kontendenti, liz-zewg minuri;

Illi l-Qorti trid tosserva li l-unika nota pozittiva li rriskontrat f'din il-kawza hija l-fatt li l-ulied donnhom baqghu 'il barra mill-vertenza ta' bejn il-genituri taghhom, tant li l-istess perit legali stqarret "*hassejtni impressjonata bil-fatt 'how well brought up' kienu dawn iz-zewg ulied ... ghandhom rispett kbir kemm lejn ommhom u kemm lejn missierhom*"; il-Qorti tifhem li ghal din is-sitwazzjoni pozittiva kkontribew iz-zewg kontendenti u anki possibilment il-familjari taghhom;

Illi l-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet ta' l-imsemmija espert legali meta qalet li "*is-sugu ta' dak kollu li smajt iwassalni biex nikkonkludi li l-ulied huma kuntenti li jibqghu jghixu ma' missierhom pero` jixtiequ li jkollhom kuntatt aktar fit-tul ma' ommhom.*";

Illi l-Qorti taqbel li t-tfal ghandhom imorru jaraw lil ommhom minghajr il-htiega li din tigi ghalihom jew li inkella li twassalhom lura, u l-hinijiet jidhru adegwati b'gurnata u zewg nofs ta' nhari fil-gimgha, izda tinsisti li l-konvenut ma ghandux jostakola lil uliedu milli jmorru jaraw lil ommhom ghal hinijiet itwal jew differenti, gjaladarba din tkun il-volonta` taghhom, l-eta` u l-ghaqal taz-zewg ulied ma jiggustifikax intervent aktar tassattiv;

Illi dwar il-manteniment, il-Qorti tifhem li l-attrici ma ghandha l-ebda dritt ghal dan minghand zewgha peress li r-relazzjoni extra-matrimonjali taghha ma' Tarachand irrizultat ampjament u peress

li rrizulta wkoll li hija tahdem f'attivita` maghrufa bhala wahda lukrattiva (anke fic-certifikat taz-zwieg tal-kontendenti hija indikat lilha innifisha bhala hairdresser) u l-ammont iggwadanjat mill-attrici huwa ferm superjuri ghall-ammonti rrizorji illi xehdet dwarhom l-attrici; din l-attivita` ittiha (oltre li tista' ittiha), gwadan bizzejjed biex l-attrici tippartecipa wkoll fl-ispejjez tal-manutenzjoni ta' l-ulied meta l-minuri jkunu fil-kura taghha;

Illi dwar it-talba attrici ghar-ritorn tal-beni parafernali, wara r-rapport peritali l-attrici semmiet biss "*bedspread tas-sodda matrimonjali tal-kanc li taghtha ommha*" izda l-Qorti taghmel referenza ghas-seduta peritali tat-12 ta' Lulju 1996 fejn hi elenkat l-oggetti li hadet mid-dar matrimonjali li "*fi tlett vjaggi bit-truck ittiehdu ... u li fil-bidu dawn l-affarijiet kienu ghand Dennis Tarachand issa le*"; ezami tan-nota ipprezentata mill-konvenut dwar l-oggetti kollha li garret l-attrici jindika wkoll l-estensjoni ta' dak li hadet mid-dar matrimonjali. Ghalhekk jidher li l-attrici kellha kull opportunita` li tiehu dak kollu li kien jinteressaha (inkluzi l-pjanti u xi oggetti ohra li fil-fatt kienu jappartjenu lill-Komunjoni skond ma taccetta hija stess) u ghalhekk ma hemmx lok li jkun hemm varjazzjoni ghas-suggerimenti peritali maghmula fil-paragrafu 65 tar-rapport u li "*f'dawn ic-cirkostanzi kulhadd jibqa' b'dak li ghandu fil-pussess tieghu*"; dan taht il-kap parafernali u tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

Illi l-espert legali ssottomettiet li l-"*cut-off date*" tad-drittijiet ta' l-attrici ghal fini tal-komunjoni kellha tkun id-data ta' meta giet intavolata c-citazzjoni; il-Qorti ma taqbilx ma' din l-opinjoni anke peress li ma saret l-ebda referenza ghall-ittra ezaminata mill-espert kalligrafu li l-attrici certament kitbet f'perjodu qabel. Ezami ta' din l-ittra oltre li jispjega l-atteggjamenti estremi ta' l-attici fil-konfronti tal-familja bil-hafna ghira li kellha ghal mara ta' Tarachand, tindika li r-relazzjoni taghha ma' dana Tarachand kienet ilha sejra ghal snin shah u kienet diga` ghaddiet minn hafna tribulazzjonijiet; fi kliem l-attrici stess skond l-istess ittra wara glieda li kienet inqalet bejniethom, kitbitlu "*I wish you good luck, and just thank you for lovely five years of happiness, arguement; and I love all of you, your eyes, your lips, your hair all of you and I will never stop loving you never, and the niciest thing is whenever we done it, I am not ashamed of it, and I will never have regrets.*";

Illi dan kollu iwassal ghal konkluzjoni li certament il-"*cut-off date*" ghandha tkun almenu hames snin qabel ma giet intavolata il-kawza;

Illi meta wiehed jikkonsidra li l-attrici ghal tant snin kellha relazzjoni tant intima u qawwija ma' ragel iehor, malajr jifhem l-atteggjament li seta' kien hemm bejn il-kontendenti u jispjega sew dak li l-esperta nominat ikknsidrat bhala "*nuqqas ta' stima*" murija mill-konvenut fil-konfronti ta' l-istess martu;

Illi dwar il-beni immobbli jirrizulta li l-konvenut kien xtara l-fond matrimonjali fis-27 ta' Mejju 1981 u l-garaxx li inghata l-isem "Alex Garage", ukoll fil-Gzira, gie minnu akkwistat fit-12 ta' Mejju 1983, u ghalhekk stante li z-zwieg bejn il-kontendenti sehh fit-13 ta' Awissu 1983 dawn il-beni huma parafernali tal-konvenut;

Illi minn naha taghha l-attrici, wkoll qabel iz-zwieg, kienet akkwistat bicca art fl-Imsida u ghal din il-konvenut kien silifha s-somma ta' tmien mitt lira (Lm800) kif diga` gie rilevat hawn fuq u l-bilanc tat-tmien mitt lira (Lm800) l-ohra thallas matul iz-zwieg. Dan il-fond ghalhekk huwa parafernali ta' l-attrici, anke jekk jidher li hija ittrasferitu fid-9 ta' Awissu 1994 tul il-mori ta' dawn il-proceduri u l-prezz minnha rikavat jidher li kien ta' erbatax-il elf u hames mitt lira (Lm14,500); il-konvenut pero` ghandu jircievi minghandha biss is-somma ta' elf u mitejn lira (Lm1200);

Illi rrizulta li meta zzewgu l-kontendenti, l-attrici kellha xi debitu mad-Dipartiment ta' l-Income Tax ghal Assessments li hija kien ghadha ma hallsitx u li kienu jirreferu ghal zmien antecedenti ghaz-zwieg, u dan il-kont jirrizulta li hallasulha l-konvenut;

Illi dwar is-self li l-konvenut jghid li ghamel lil oht l-attrici, Antoinette, dan ma jolqotx lill-attrici anke jekk hu stqarr li martu "*kienet assiguratni li se nehodhom lura*";

Illi l-Qorti ghalkemm tifhem mid-dokumenti esebiti u mic-cirkorstanzi kollha tal-kaz, li Lm438 kont tat-telefon li kellu jhallas il-konvenut kienu saru pratikament kollha mill-attrici lil Tarachand, dana jibqa' xorta responsabilita` tieghu u ma jistax jigi kompensat ghalih; kwazi l-istess jista' jinghad dwar il-flus tat-tfal li l-attrici qabdet u zbankat fil-bidu ta' dawn il-proceduri ghalkemm irid jigi rilevat in-nuqqas taghha li anqas hasset il-htiega li almenu tirkuprahom jew parti minnhom mill-assigurazzjoni BUPA, u inoltre anqas resqet kontijiet sufficjenti;

Illi dwar il-karozzi, il-konvenut spjega illi dan kien jixtrihom *second-hand* u kien joqghod jirranga fihom peress li dan kien id-delizzju tieghu, u l-Qorti anke fid-dawl ta' dak kollu li intqal hawn fuq ser tiddeciedi li dawn ghandhom jibqghu ghand il-konvenut;

Illi dwar l-ammont depositat man-National Westminster il-Qorti mhix ser tmur aktar lura mid-data ta' l-istatement esebit mill-attrici li jindika li l-ammont ta' flus li kien hemm depozitati kien jammonta ghal 4071.40 sterlini imma anke minhabba l-imsemmija "*cut-off date*" l-attrici ma ghandix dritt fuq l-interessi li akkumulaw wara dak l-istatment, u ghalhekk l-attrici ghandha tircievi minghand l-konvenut 2035.70 Sterlini skond ir-rata tal-kambju tallum.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' in parti l-Ewwel Domanda attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda tichadha in kwantu talbet dikjarazzjoni li din grat tort tal-konvenut;

Tichad it-Tieni Domanda kif dedotta fic-citazzjoni b'dan pero` li l-attrici ghandu jkollha access ghal minuri ulied il-kontendenti li ghandhom imorru ghandha kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis minn wara li jkunu spiccaw mill-iskola sas-sebgha ta' filghaxija, kif ukoll nhar ta' Sibt mid-disgha ta' filghodu u jibqghu maghha, gimgha wahda sas-sebgha ta' filghaxija, waqt li fil-gimgha sussegwenti jibqghu maghha ukoll bil-lejl u jirritornaw ghand missierhom l-ghada il-Hadd wara l-ikel fis-saghtejn ta' wara nofsinhar;

Tichad it-Tielet Domanda peress li l-attrici ddekadied mid-dritt taghha ghall-manteniment minhabba adulterju kommess u peress li l-minuri jghixu principalment ma' missierhom u hija ghandha mezzi sufficjenti biex tikkontribwixxi il-parti taghha ghal manteniment ta' uliedha meta dan ikunu fil-kura taghha;

Tiddeciedi r-Raba' u l-Hames Domanda billi tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti u tiddikjaraha konsistenti fil-beni u l-oggetti imsemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza u tiddividiha billi tassenja lil kull

parti l-beni mobbli, vetturi u kontijiet bankarji li ghandhom f'isimhom u li prezentement jinsabu fil-pussess taghhom waqt li l-konvenut huwa kkundannat ihallas lill-attrici f'liri maltin bir-rata tal-kambju tallum l-ekwivalenti ta' elfejn u hamsa u tletin punt decimali sebgha sterlini (£Stg2035.70), waqt li l-attrici ghandha thallas lill-attur is-somma ta' elf u mitejn liri Maltin (Lm1200) kif fuq spjegat kif ukoll is-somma ta' sitt mija u sitt liri Maltin (Lm606); dan kollu per saldu tal-pretensjonijiet reciproci tal-kontendenti inkluzi dawk relattivi ghal beni dotali u parafernali;

Il-Qorti tiddeciedi s-Sitt Domanda billi oltre d-disposizzjonijet moghtija f'din is-Sentenza il-partijiet jitilfu d-drittijiet successorji reciproci taghhom.

L-ispejjez jithallsu mill-istess attrici.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur